

V

(Opinjonijiet)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-15 ta' Diċembru 2009 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Finlandja

(Kawża C-284/05) ⁽¹⁾

("Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Importazzjoni b'eżenzjoni mid-dażju ta' apparat militari")

(2010/C 51/02)

Lingwa tal-kawża: Il-Finlandiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Wilms u P. Aalto, aġenti)

Dispożittiv

(1) Ir-Repubblika tal-Finlandja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 26 KE, l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità u, konsegwentement, it-tariffa doganali komuni billi eżentat mill-1998 sal-2002 l-importazzjoni ta' apparat militari mid-dazji u naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 2 u 9 sa 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1552/1989, tad-29 ta' Mejju 1989, li jimplimenta d-Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom dwar is-sistema ta' riżorsi tal-Komunitajiet innifishhom, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 1355/96, tat-8 ta' Lulju 1996, kif ukoll mill-istess artikoli tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000, tat-22 ta' Mejju 2000, li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet billi rrifutat li tikkalkola, li tikkonstata u li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ir-riżorsi proprii relatati magħħom kif ukoll meta rrifutat li tħallas l-interessi moratorji dovuti minnħabba nuqqas ta' tqiegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-imsemmija riżorsi proprii.

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentanti: T. Pynnä, E. Bygglin, J. Heliskoski u A. Guimaraes-Purokoski, aġenti)

(2) Ir-Repubblika tal-Finlandja għandha tħati l-ispejjeż.

(3) Ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika Portugiża u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 2, 9, 10 u 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1552/89, tad-29 ta' Mejju 1989, li jimplimenta d-Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom dwar is-sistema ta' riżorsi tal-Komunitajiet innifishhom (ĠU L 155, p. 1) u, għall-perijodu ta' wara l-31 ta' Mejju 2000, tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000, tat-22 ta' Mejju 2000, li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet (ĠU Edizzjoni Specjalji bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 169 — 180) — Importazzjoni b'eżenzjoni mid-dażju fuq materjal tal-gwerra u fuq oġġetti li għandhom użu doppiu kemm militari kif ukoll ċivili.

(1) ĠU C 271, 29.10.2005